# *Dum Thraces Ubique Pugno In Sede Sic Tuta Consto*

## Il-Festa Nazzjonali tal-Konti Ruġġieru, 1894

**Adrian Mizzi**

L-ideja dominanti ta' Chesterton u Belloc, żewġ kittieba prolifiċi Kattoliċi Ingliżi hi li ċ-ċivilta' u l-unità tal-Ewropa hi ċ-ċivilta' u l-unità Kattolika. Dawn iż-żewġ kittieba jsostnu li sa ma qabel tfaċċat *ir-Riforma Protestanta* li ħawdet l-Ewropa kollha, kull bniedem ċivili kien jgħożż din iċ-ċivilta' u din l-unità li minnha kien jifforma parti bl-akbar dover ta' omoġenità kull pajjiż Ewropew, saħansitra anke Malta.



*Inċiżjoni tal-Konti Ruġġieru*

Fid-dawl ta' dawn ir-riflessjonijiet profondi nifhmu aħjar il-ġrajjiet u t-tradizzjoni Maltija. Dan anke jekk fil-perjodu mudlam tad-dominazzjoni mawmettana, id-dokumenti storiċi jgħarfuna li l-familji Nsara f'pajjiżna – jiġifieri Maltin li ġew ridotti f'numru limitat ħafna fost numru kbir ta' Għarab *li ma setgħux ma jobdux il-lingwa tal-Għarab*, baqgħu f'pajjiżna. Ma' dawn aħna konnessi u mhux mal-Għarab li ġew imkeċċijin minn pajjiżna għall-ħabta tas-sena 1090 WK. Anke jekk fuqna mponew l-influwenza tal-lingwa nattiva tagħhom, jiġifieri l-*Għarbi Andalusi*, li mill-fdalijiet tiegħu ħareġ l-ilsien Malti bħala simbolu li jiddistingwina bħala pajjiż u nazzjon.

B'tifkira tat-tmien ċentinarju mill-miġja f'Malta tal-Konti Ruġġieru *La Societa Filarmonica Conte Ruggiero*, taħt il-presidenza tal-Avukat Dottor Agostino Naudi – kandidat mal-*Partito Nazionale* ta' Fortunato Mizzi, bdiet torganizza u tiċċelebra festa nazzjonali ad unur il-ħakkiem imsemmi bl-akbar pompa fir-Rabat u f'*Citta Notabile* (l-Imdina). I-qofol tagħha ntlaħaq nhar il-Ħadd 28 ta' Settembru 1890 b'attivitajiet li kienu jikkumplimentaw sew il-livell tal-Festa Nazzjonali tal-Vitorja nhar *l'Otto Settembre* ġewwa Pjazza San Ġorħ fil-Belt Valletta. Għar-Rabtin, din il-ġrajja kommemorattiva serviet sabiex tibda tiġi organizzata festa nazzjonali ta' kull sena lill-Konti Ruġġieru ġewwa l-Imdina u r-Rabat. Dan wara tant snin ta' stennija miċ-ċittadini tal-lokalità.

Sostnut b'din il-fehma soda bħal kompatrijotti tiegħu, s-Sur Mallia Tabone, kunsillier elett tal-Imdina, flimkien mal-imsemmi Dottor Naudi ssoktaw iħabirku sabiex jingħata l-permess għall-organizzazjoni tal-festa. Il-Gvern ta' dak iż-żmien kien ta s-somma

sabiħa ta' mitt lira, miġbura mit-tombla li kienet issir fuq il-fosos tal-Furjana.


PROGR[AMMA]

Programma
DELLA FESTA NAZIONALE
DEL
CONTE RUGGIERO
DA SOLENNIZZARSI AL RABATO LI
30 Settembre 1894.

1.
Alle ore 7. a.m. avrà luogo il trasporto della Statua del CONTE RUGGIERO, accompagnato dalla Società Filarmonica Omonima - indi il suo collocamento sulla Piazza Sakkaja.

2.
Alle ore 9. a.m. si faranno girare i palii per le vie della Notabile e Rabato suonando diverse Marcie.

3.
Alle ore 12. a.m. e dopo un gran saluto di Mortaletti la Società Filarmonica "Conte Ruggiero" suonerà per le vie del Rabato un March e sarà cantato da un coro di ragazzi un bellissimo Inno al Conte Ruggiero.

4.
Alle ore 3. p.m. la Società Filarmonica "L'Unione" di C. Luca suonerà in Piazza Sakkaja un scelto Programma.

*Astratt mill-programm tal-festa nazzjonali tal-Konti Ruġġieru fl-1894*

Is-sinifkat ta' din il-festa jkompli jagħtina ħjiel li l-Konti Ruġġieru kien meqjus bħala benefattur kbir ta' pajjiżna b'mod erojku, għaliex huwa magħruf li ħeles lil Malta mill-ħakma *Għarbija Seracina* u waqqaf il-Katidral tal-Imdina. Fi żminijiet aktar riċenti, l-istudjużi tal-era Normanna bdew isostnu li kien l-istess Konti Normann li seta' beda l-Kruċjati għall-Art Imqaddsa.

Fis-snin 1893 u 1894, tant eskalat din il-manifestazzjoni f'dik li hija popolarità li l-organizzaturi ppubblikaw ktejjeb u programmi dwar il-Konti Ruġġieru u dwar x' kien skedat li jsir dakinhar, inkluża l-parteċipazzjoni mużikali tas-*Societa' Filarmonica Conte Ruggiero*, s-*Societa' Filarmonica Pinto* ta' Ħal Qormi u dik tas-*Societa' Filarmonica L'Unione* ta' Ħal Luqa nhar il-Ħadd 30 ta' Settembru 1894. Il-*Filarmonica L'Unione* kienet immexxija mid-direttur ċelebri Profs. Gaetano Grech M.A.C.R.B., li ftit tax-xhur f'dik l-istess sena kien anke ngħata onorofiċenza internazzjonali miċ-*Circolo Bellini* ta' Catania.



*Diploma mic-Circolo Bellini li ingħatat lil Profs. G. Grech fl-1894*

Għalhekk, b'qima u mħabba dejjema lejn l-istorja ta' Malta u dik glorjuża tal-Banda L-Unjoni, simbolikament inxebbaħ l-iskrizzjoni li tinsab fuq il-ġawhra arkittetonika tagħna l-Maltin ta' *Portes des Bombes* il-qadim - *DUM THRACES UBIQUE PUGNO IN SEDE SIC TUTA CONSTO* li tfisser 'Waqt li niġġieled lit-Torok kullimkien noqgħod fis-sod fil-kwartieri'.

Is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ġiet mistiedna mill-kumitat tad-direzzjoni sabiex iddoqq programm mużikali nhar il-Ħadd 30 ta' Settembru fit-3.00 p.m. fl-iżjed post prominenti tar-Rabat fuq panorama mill-isbaħ ta' Pjazza Saqqajja, f'laqgħa straordinarja tal-pubbliku ta' dik il-lejla festiva u storikament patrijottika. Dakinhar tal-festa, ċ-ċelebrazzjoni bdiet għas-7.00 ta' filgħodu meta l-Istatwa tal-Konti Ruġġieru ġiet meħuda mill-Każin San Pawl għal Pjazza Saqqajja akkumpanjata mill-Banda Konti Ruġġieru li dik is-sena kienet taħt il-presidenza tal-magħruf Baruni Ġermaniż Massimiliano Von Tücher (1893 – 1914).

Fid-9.00 ta' filgħodu kellhom jibdew jindaqqu diversi marċi mat-toroq ta' Citta Notabile u r-Rabat, filwaqt li f'nofsinhar, wara l-ħruq tas-salut grandjuż ta' murtaletti, l-Banda Konti Ruġġieru għamlet marċ mat-toroq tar-Rabat u wara, l-kor tat-tfal akkumpanja bil-kant lill-Banda tal-lokal b'Innu Marċ kompożizzjoni tas-Surmast Antonio Agius, li kien '*Capo di Banda*' u '*Maestro Di Musica*' tal-Orfanatorio fl-1890. Dan minkejja l-fatt illi fis-sena 1893 ġie miktub l-'*Inno Marcia Nazionale Conte Ruggiero*', fuq lirika bit-Taljan tal-Kanonku Kolleġġjali Gio Batta Micallef, li kien Rettur tas-Santwarju Nazzjonali tal-Grotta ta' San Pawl, u b'mużika tas-Surmast Rabti Mro. Epifanio Agius, li aktar tard kien inħatar id-direttur mużikali tal-Banda Konti Ruġġieru.



***Profs. Gaetano Grech M.A.C.R.B. liebes l-uniformi militari tal-banda tat-Tieni Battaljun tal-Militia Maltija (c. 1890)***

Hekk kif nazzjon jgħaddi minn diversi ġrajjiet li jħallu t-timbru tagħhom fuq il-ħajja tal-poplu, u bħalma l-bniedem jgħaddi minn diversi ġrajjiet u saram fil-ħajja, hekk jiġri lin-nazzjon ta' pajjiż. Iżda hekk kif matul is-sena, nazzjon ifakkar il-kisbiet u jikkommemora ġrajjiet fil-mixja tiegħu fl-istorja, hekk kienet, hija u ħa tkun ukoll l-istorja grandjuża tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni fost l-ewlenin ta' Malta.

*Referenzi:*

*Programma della Festa Nazionale del Conte Ruggiero da Solennazzarsi al Rabato il 30 Settembre 1894 (Astratt)*
*Malta, Mercoledi 3 Ottobre 1894 p.2*
*Herbert Ganado 'Wieħed Minnkom', L-Ewwel Ktieb (1933- 1951) p.12 u p.13*
*Skrizzjoni ta' fuq il-Bieb il-Bombi l-qadim A.D. 1721*
*Programm tal-Festa 2000, Soċjetà Filarmonika L-Unjoni A.D. 1880, p.147*
*Sit Elettroniku www.sanpawl.rabatmalta.com*

*Ringrazzjament speċjali jmur lil Kumitat tas-Soċjetà San Pawl, Banda Konti Ruġġieru, Rabat, Malta*

Anton Faenza
***Għal Xogħol ta' Fireplaces, Stoves u Decorations***
Ċempel: 2180 8487 • Mobile: 9947 8769